**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Gatt)**

**- vs -**

**Victor Vella ta' 26 sena iben Emanuel u Eucharistica nee Xerri li joqghod Small Boy, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex.**

Illum 11 ta' Lulju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli wara li ghamel xoghol ta' bini fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, wara li l-applikazzjoni ghall-permess tal-bini kienet giet rifjutata u wara li kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-19 ta' Gunju 1991 u kkundannat ihallas hamsin lira Maltin (Lm50) multa u ordnat biex iwaqqa' dan ix-xoghol tal-bini li sar minghajr il-permessi mehtiega fi zmien xahrejn taht penali ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kuljum fin-nuqqas, u wara li l-Appell tieghu gie dikjarat dezert skond l-Artikolu 422 tal-Kap. 9 mill-Qorti ta' l-Apelli Kriminali tat-30 t'Ottubru, 1991, naqas li jikkonforma ruhu mal-Ligi u ghaldaqstant hija mitluba s-somma ta' ghaxart elef u tliet mitt lira Maltin (Lm10,300) bhala penali ta' 412 jum mid-19 t'Awissu, 1991 u dan salv penali ohra ulterjuri.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza fejn jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex, tad-19 ta' Gunju, 1991 l-imputat kien ordnat inehhi l-kostruzzjoni illegali mertu ta' din l-akkuza fi zmien xahrejn fuq penali ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull jum fin-nuqqas;

Rat illi l-imputat interpona appell minn din is-sentenza izda l-appell kien dikjarat dezert fit-30 ta' Ottubru 1991;

Rat illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni kkonfermaw quddiem din il-Qorti illi l-imputat ghadu ma ottemporax ruhu mas-sentenza fil-konfront tieghu;

Ghal dawn il-motivi ssibu hati;

Wara li rat l-artikoli 17 (1), (3) u (7) u 18 tal-Kap. 10 kif vigenti qabel il-promulgazzjoni u dhul fis-sehh tal-Att I tal-1992, kif ukoll l-artikolu 63 tal-Att I tal-1992.

Tikkundanna lill-imputat ghal-hlas tas-somma ta’ ghaxart elef u tliet mitt lira Maltin (Lm10,300) rapprezentanti erba’ mija u tnax (412) jum b’penali ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25 ) kull jum u dan salv penali ohra ulterjuri.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur